MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 366/2008

**A B**

**-vs-**

**1. C D**

**2. E F li b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Ottubru 2008 giet appuntata kuratrici deputat sabiex jirraprezenta lill-minuri G B**

**3. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, fejn din wara li ppremettiet:

Illi hija u l-konvenut C D kienu ilhom f’relazzjoni ghal sentejn u minn din ir-relazzjoni twieldet tifla G B li llum ghandha tlettax-il sena u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid numru 2750 tas-sena 1995 hawn annessa u mmarkat Dok DC1;

Illi l-attrici hija xebba u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid taghha hawn anness u mmarkat Dok DC2;

Illi l-minuri G B twieldet fl-24 ta’ Gunju 1995 skond l-anness Dok DC1;

Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat li missier tat-tarbija bhala li huwa ‘father unknown’ effettivament missier il-minuri huwa l-konvenut C D meta fil-fatt il-minuri G giet koncepita fil-kors ta’ relazzjoni li l-attrici kellha mal-istess konvenut C D;

Illi l-attrici ghandha interess li tigi dikjarata l-partenita’ tal-minuri G B;

Illi hija qed tesebixxi certifikat tat-twelid tal-konvenut hawn anness u mmarkat Dok DC3.

Ghaldaqstant ighidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri G B li twieldet fl-24 ta’ Gunju 1995 huwa C D;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija (Att numru 2750 tas-sena 1995) u tordna li partikolarment fil-kolonna intitolata: “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier” jidhlu l-kliem C D u l-partikolaritajiet relattivi tal-istess C D ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta’, ghall-post tat-twelid u ta’ residenza u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier il-minuri G B, jigu korretti konsegwentement billi

jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh.

3. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat id-digriet tas-6 ta' Ottubru 2008 li permezz tieghu l-Qorti hatret lil E F biex tirraprezenta lill-minuri fil-kawza.

Rat ir-risposta guramentata ta' C D, fejn dan eccepixxa:

Illi l-esponenti ma jafx jekk huwa l-missier naturali tal-minuri G B u ghalhekk huwa jaccetta li jissottometti ruhu ghal kull test xjentifiku jekk ikun il-kaz.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, fejn dan eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li r-rikorrenti tispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali u cioe' ta' l-intimat C D sabiex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat ir-rapport tal-ezamijiet xjentifici li saru fuq kampjuni mehuda minn A B, C D u l-minuri G.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti tinsab sodisfatta li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi**:

Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti.

Tilqa' t-tieni talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega skond kif elenkati fin-nota a fol. 40 tal-process.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimat C D.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------